

# L-Ospizju tal-Furjana fi żmien l-Ordni

Kitba ta' Sandro Sciberras

L-ewwel ospizju tal-Gvern għal pazjenti anzjani nfetaħ fl-1729 u kien jinsab ġo numru ta' mħażen tal-polvri li jħarsu fuq il-Port ta' Marsamxett. Dawn l-imħażen kienu nbnew fl-1665[1] u kien ċar li dawn il-binjiet ma kenux addattati biex jintużaw għal dan l-iskop soċjali. Biex tissolva darba għal dejjem il-problema u anke minħabba li n-numru ta' anzjani fil-bżonn kien qiegħed dejjem jikber, il-Gran Mastru Antonio Manuel de Vilhena ddeċieda li jniedi proġett li jaħseb għall-bini ta' struttura kbira, fl-istess inħawi, biex tilqa' fiha anzjani, tfajliet fqar, persuni b'mard mentali u ħabsin nisa. Huwa waqqaf il-*Casa di Carità* fis-6 ta' Diċembru 1732, fuq sit qrib ħafna tal-Polveristi antiki li mbagħad ġew magħluqa[2]. Dan il-bini baqa' magħruf bħala *Casa di Carità* sal-1785 meta l-Gran Mastru de Rohan bidillu ismu għal *Ospizio* u ħareġ sett regolamenti ġodda għat-tmexxija tiegħu[3]. Dan il-post baqa' attiv sa meta l-Gvernatur Thomas Maitland ħareġ il-*Charitable Insitutions Reform* fil-15 ta' Jannar tal-1815[4].



*Il-bitħa tal-Casa di Carità meħuda minn http://www.timesofmalta.com/articles/view/20120916/life-features/mixed-marriages-in-the-early-british-period.437175#.Uqhsqul3vIU*

Fuq iskrizzjoni bil-Latin li kienet tinsab f'dan il-bini, wieħed jista' jifhem il-ħsieb wara l-bini ta' din l-istruttura. Kienet tgħid li l-Gran Mastru de Vilhena, wara li bena l-famuża fortizza (Forti Manoel), ħallas minn butu għall-bini ta' post li jagħti kenn lill-persuni mit-tbatija tax-xjuħija, kenn lil tfajliet mit-tentazzjonijet tad-dinja u nies oħra mill-oppressjoni tal-faqar[5].

Il-*Casa di Carità* hekk kif maħsuba mill-perit Francois de Mondion, inbniet fuq sit ta' forma irregolari, bil-ponta lejn il-Punent. Mondion kien il-perit ewlieni tal-Ordni fi żmien il-Gran Mastru de Vilhena u kien hu li ppjanta numru kbir ta' bini ta' natura differenti, minn fortifikazzjonijiet sa mħażen u sptarijiet madwar Malta u Għawdex. Fil-każ tal-*Casa di Carità*, kif wieħed kien jidħol mid-daħla ewlenija, kien isib ruħu ġo bitħa interna b'funtana u balavostri u arkati li minnha kien hemm aċċess għal żewġ taqsimiet separati[6]. L-irġiel anzjani kienu jokkupaw is-swali ta' fuq filwaqt li n-nisa kienu jużaw is-swali ta' isfel ħdejn is-swar li jħarsu fuq il-Port ta' Marsamxett fuq tal-Pietà[7]. Is-sezzjoni tan-nisa kienet maqsuma fi tlieta: il-*Ginecco*[8] għan-nisa anzjani, sezzjoni oħra għat-tfajliet u r-*Reclusorio*[9] għall-ħabsin nisa. Dan kien jinsab fit-tarf nett tal-bitħa. Ta' kull sena, il-*Casa di Carità* kienet tilqa' madwar 380 persuna.

---

1 Savona-Ventura, C. (2004) Knight Hospitaller Medicine in Malta (1530-1798), PEG Ltd, p. 116

2 AOM 536 fol. 185

3 Lib. Man. 745

4 Cremona, A. (1959) L-Ospizju tal-Furjana u l-Erwieħ ta' Wieq Għammieq, DOI, p. 6

5 Ibid

6 De Lucca, D (1975) Architects working in Malta during the Grandmastership of Manoel de Vilhena, B. Arch. Hons. dissertation, UOM

7 Cremona op.cit p.7

8 Ibid. p.8

9 Ibid. p.8

Dan il-bini kellu wkoll kappella ddedikata lill-Madonna tas-Safa' b'sagristija magħha. L-inkwatru titulari, xogħol ta' skola Naplitana tas-Seklu 18 minn Francesco Solimena jew Sebastiano Conca, juri lill-Madonna bil-Bambin u San Ġwann. Pitturi oħra kienu ta' San Publju, San Pawl, Santa Margerita ta' Cortona, Sant'Anna u tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù[10].

Fil-*Casa di Carità*, bħal fi sptarijiet oħra f'Malta u Għawdex, kien hemm parti fejn trabi jew tfal setgħu jiġi meħuda biex tieħu ħsiebhom l-amministrazzjoni tal-*Ospizio*.



Waħda mid-daħliet tal-Ospizju meħuda minn http://www.oneweekholiday.com/wp-content/uploads/2012/07/Ospizio_March_07_2003.jpg

Is-sezzjoni għat-tfajliet inbniet fl-1734 u kienet magħrufa bħala *Conservatorio de' Vergini*. Dan kien l-aħħar istitut ta' karità mibni minn de Vilhena, sentejn biss qabel mewtu. It-tfajliet li kienu jsibu ruħhom fil-*Conservatorio* kienu jew intbagħtu hemm bħala att ta' karità jew għax mibgħuta mill-ġenituri tagħhom. Hawnhekk, madwar 160 tfajla kienu jingħataw kenn u kif ukoll taħriġ. Dan kien jinvolvi li jaħdmu l-qoton f'ħajt. Il-qoton kien jinxtara lokalment u kien jitħallas minn fond speċjali merfugħ apposta għal dan il-għan mit-Teżor ta' din l-istituzzjoni. Il-qoton maħdum kien jiġi pprezzat skont il-kwalità tiegħu u jinġabar kull nhar ta' Ħadd biex minfloku jingħataw qoton ieħor biex jinħadem[11]. It-tfajliet setgħu jżommu nofs il-qligħ mix-xogħol li kienu jagħmlu u kull sena, erbgħa minnhom kienu jirċievu dota ta' 40 skud biex ikunu jistgħu jiżżewġu. Dan ix-xogħol kien ta' benefiċċju kbir kemm għat-tfajliet kif ukoll għall-istituzzjoni li permezz ta' hekk kienet finanzjarjament indipendenti. Sa tmiem is-seklu 18, l-*Ospizio* kien faddal kapital ta' 12,606 skud[12].

[10] Ibid. p.9

[11] Cremona, op.cit p.12-13

[12] Ibid p.14

Meta l-finanzi tal-*Ospizio* bdew jonqsu, il-Gran Mastru kien ordna lill-Università tal-Belt Valletta biex tħallas 1500 skud kull sena bħala kontribuzzjoni. Digriet ieħor daħħal taxxa żgħira fuq il-kuntratti notarili li kellha tmur ukoll għall-*Ospizio*[13]. Maż-żmien jidher li n-nutara ma baqgħux iħallsu iktar din it-taxxa u fl-1764, il-Gran Mastru ta' dak iż-żmien kien ordna lin-nutara kollha biex iħallsu minnufih l-arretrati kollha. Din it-taxxa baqgħet teżisti sal-1816.

Fl-Ospizio kienu jintbagħtu wkoll pazjenti b'mard b'mentali u dan l-arranġament baqa' hekk kemm matul il-ħakma Franċiża kif ukoll għal xi snin taħt l-Ingliżi. Sal-1835, il-Kummissarji tal-Karità kienu ddeċidew li jipproponu l-ftuħ ta' bini apposta biex jilqa' lil dawn il-pazjenti partikolari. Infatti fl-1835, l-ewwel 80 pazjent minn dawn ittieħdu ġo dar kbira mibnija fl-1739 fil-Furjana stess. Din kienet magħrufa bħala Villa Franconi. Minn hawn ġejja l-espressjoni "Frankuni" bil-Malti[14].

L-*Ospizio* kien amministrat[15] minn kummissjoni ta' għaxar membri; erba' Kavallieri anzjani ta' nazzjonalitajiet differenti, saċerdot konventwali, il-Vigarju, żewġ Ġurati u żewġ Maltin prominenti. Dawn kienu jiltaqgħu darba fix-xahar biex jiddiskutu l-finanzi tal-istituzzjoni u d-dħul ta' persuni ġodda fl-*Ospizio*. Skont l-Istatut, l-Isqof ma seta' jkollu l-ebda sehem fl-amministrazzjoni. Il-Kummissarji, li ma kenux jitħallsu għal dan l-irwol li kellhom kienu jżuru l-*Ospizio* kuljum u jivverifikaw l-indafa, li kulħadd qed jagħmel xogħlu u li r-regoli kienu jiġu obduti kif suppost[16].

[13] Reboul, G. (1935) Giornale de' successi dell'isole di Malta e Gozo dall'anno 1729 all'anno 1750, Empre Press, Malta, p.24

[14] Savona-Ventura, C. (2003) The History of Psychiatry in Malta, p. 8-9

[15] AOM 536 fol. 185-186

[16] Lib. Man. 536 fol. 185

Fl-*Ospizio* kienu hemm tabib, Kappillan magħżul mill-Isqof, segretarju u għassies. Dawn kienu jitħallsu kull xahar mill-fondi tal-*Ospizio* u x-xogħol kien regolamentat fl-Istatuti maħruġa mill-Gran Mastru de Rohan 1795[17].



Is-sit fejn kien jinsab l-Ospizju

L-*Ospizio* nbidel fi Sptar Ġenerali fl-1850 u l-pazjenti, mill-Isptar Ċivili tal-Belt Valletta u l-Casetta, ittieħdu hemm. Sal-1872 kien ċar li l-Isptar Ċentrali tal-Furjana ma kienx għadu addattat minħabba numru dejjem ikbar ta' pazjenti rikoverati fih. Sa Ġunju 1878, il-popolazzjoni tal-isptar kienet ta' 170. Id-deċiżjoni li pazjenti b'mard infettiv bħal difterite, skarlattina, sogħla konvulsiva u ħosba jitneħħew mill-isptar ta' Santu Spirtu u jintbagħtu l-Furjana kompliet iżżid il-problema. Is-sitwazzjoni kompliet tmur għall-agħar tant li għal xi żmien xi pazjenti kellhom jitpoġġew fil-kurituri.[18]

Fil-11 ta' Novembru 1885, saru rakkomandazzjonijiet biex flok l-Isptar Ċentrali jinbena sptar ikbar ta' 354 sodda. Sa ftit snin wara, dawn il-pjanijiet kienu ġew imwarrba u l-Isptar Ċentrali tal-Furjana baqa' l-isptar ewlieni ta' Malta sal-1937. Sadanittant, fl-1930 kienet tpoġġiet l-ewwel ġebla tal-isptar ġenerali ġdid – dak ta' San Luqa fi Gwardamanġa.

Dan l-istitut mibni minn de Vilhena illum m'għadux jeżisti, minħabba li sofra ħsarat kbar matul it-Tieni Gwerra Dinjija. Kulma fadal mill-bini oriġinali huma xi mħażen u volti, il-kappella u ċ-ċnut tal-perimetru[19]. Madankollu, anke wara din il-ħsara u qerda kollha, dan il-bini jibqa', fost ħafna oħra, monument ieħor li permezz tiegħu, isem il-Gran Mastru Antonio Manoel de Vilhena, fundatur tal-Furjana, jibqa' jissemma fl-istorja.

[17] Lib. Man 745

[18] Savona-Ventura, C. Civil Hospitals in Malta http://www.reocities.com/HotSprings/2615/medhist/hospital2.htm#central

[19] Sciberras. F. (1985) Late Baroque Architecture in Malta: its rise and decline in the 18th century, Teżi ta' B.E&A mhux ippubblikata, Università ta' Malta


# MOKA CAFFE

**(Prop. E & T. Tabone)**

***Hamburgers • Pastizzi • Qassatat***
***Meat Pies • Timpani • Cakes***
***Snacks • Pizza***
***Cappuccino & Tea***

Triq San Żakkarija, Valletta
Tel: 2123 7047

# DRUBI JEANS

254, SHOP 9
REGENCY HOUSE
VALLETTA

TELEPHONE: 2722 5878
MOBILE: 7907 3737